# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 360/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Eugenio Agius**

Illum 20 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat **Eugenio Agius**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 345260(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud:

1. fit-22 ta' Awwissu 2006, wara tfittxija li saret minn uffiċjali tad-Dwana fil-fond *Ramla Lodge Hotel* f'Marsascala, instab li f'dik il-ġurnata, xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew

depożitati għandu xorb alkoħoliku bla dazju u dan fi kwantita' kif deskritt hawn taħt:

113-il fixkun tal-litru 'l wieħed, Burn Stewart Whiskey.

Dan ix-xorb alkoħoliku, li l-importazzjoni u l-pussess tiegħu huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat għandu l-valur totali ta' Lm791.00,0, Dazju tas-Sisa dovut ta' Lm452.00 u wkoll Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li tammonta għal Lm233.74, fejn liema dazju u taxxa ma kienux ġew imħallsa u/jew ikkawtelati.

Dan sar bi ksur ta':

(i) Artikoli 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XXIII tal-1998);

(ii) Artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso ta' Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta);

(iii) Artikoli 16(1)(j) u 17(a) ta' l-Att XVI tal-1995 dwar Dazju u Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju 2017 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u lliberatu minnha.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-17 ta' Awwissu 2017 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "***tirrevoka u tħassar*** *is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Eugenio Agius datata 27 ta' Lulju 2017, fejn l-appellat ġie ddikjarat mhux ħati u* ***minflok*** *issib lill-appellat Eugenio Agius ħati ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-18 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Lulju 2017.

Illi qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- *A fol.* 28 tal-proċess hemm in-Nota ta' Qbid bl-ammont tal-Valur mingħajr id-dazju jew taxxi u mbagħad bl-ammont ta' dazju tas-sisa u l-VAT.

- *A fol.* 29 hemm it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jittieħdu passi dwar l-ammonti dovuti.

- *A fol.* 30 huwa x-xorb li nġabar mir-Ramla Lodge Hotel, Marsascala.

- **Jerome Azzopardi** (Spettur tad-Dwana – *a fol.* 31 *et seq.*) xehed li fit-22 ta' Awwissu 2006 kien mar flimken ma' Joseph Gatt biex jagħmlu spezzjoni f'Ramla Lodge Hotel, Marsascala. Jgħid li kienu kellmu lill-appellat u sabu mija u tlettax (113)-il flixkun whisky Burn Stewart li rriżultalhom li kienu bla dazju. Jgħid li l-appellat kien qalilhom li ma kellux riċevuti u lanqas seta' jiftakar kemm kien xtrahom.

- **Joseph Gatt** (Spettur ieħor tad-Dwana – *a fol.* 40 *et seq.*) ikkonferma dak li qal Jerome Azzopardi u qal li kienu sabu l-mija u tlettax (113)-il flixkun whisky f'kamra tal-ġenb. Jgħid li dawn kienu mingħajr *excise duty* ta' Malta.

- **Frank Tartaglia** (li kien jaħdem fis-sezzjoni tal-*Valuation* tad-Dwana – *a fol.* 33) qal li kienu stmaw il-whisky Burn Stewart seba' lira Maltin (Lm7.00) kull flixkun.

- Wara li d-difiża ma baqgħetx tinsisti għall-ħatra ta' psikjatra (*a fol.* 61), id-difiża pprezentat dokumenti (*a fol.* 62 *et seq.*) maħruġa mill-Malta Tourism Authority li l-*licensee* tar-Ramla Lodge ġewwa Marsascala kienet saret Josephine Agius b'seħħ mill-4 ta' Ottubru 2005.

- Quddiem din il-Qorti diversament preseduta xehed **Paul Scicluna** (in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi u Spettur tal-VAT – *a fol.* 86 *et seq.*) peress li d-depożizzjoni

moghħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti ma kinitx ġiet reġistrata. Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq id-dokument li jinsab *a fol.* 27 liema dokument huwa l-ittra li kien bagħat hu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jibda proċeduri kontra l-appellat. Jgħid li huma jkunu nfurmati mid-Dipartiment tad-Dwana kontra min iridu jittieħdu l-passi. Jispjega li kien hemm xorb alkoħoliku li l-pussess tiegħu kien ipprojbit jew ristrett u ma kienx tħallas dazju jew VAT fuqu.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa li d-dokument eżebiet *a fol.* 66 huwa fotokopja tal-oriġinal mingħajr ma hemm indikat jekk hux vera kopja tal-oriġinal. Jisħaq li l-ebda uffiċjal tal-Awtorita' tat-Turiżmu ma kkonferma tali dokument u li l-firma ta' fuq id-dokument ma tingħarafx. Jargumenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq dan id-dokument għad-deċiżjoni tagħha u dan iwassal għall-apprezzament ħażin tal-provi u li tali dokument ma kellux ikun kkunsidrat bħala prova.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tikkunsidra li d-dokument li jsir riferenza għalih ossia dak li jinsab *a fol.* 66 kellu jkun għal tal-anqas maħluf u la mhux l-oriġinali kellu jkollu l-kliem fuqu fis-sens li kien vera kopja tal-oriġinal u min jagħmel tali dikjarazzjoni jiffirma fuqu. Isegwi li d-dokument m'għandux valur probatorju. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li fil-komparixxi mhux indikat ir-rwol tal-appellat meta kien qed jitkellem mal-Uffiċjali tad-Dwana. Jisħaq li minn dak li xehdu l-uffiċjali jidher ċar li l-appellat kien qed jiġġestixxi l-post u li hu kien qal li ma

kienx jiftakar kemm kien xtrahom l-affarijiet. Jgħid li kull ma jitlob Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta huwa: *"Kull min..."* u li dan ifisser li ma hemm ebda rekwiżit li l-persuna tkun liċenzjata sabiex tinstab ħatja ta' l-imputazzjoni in eżami. Jagħmel riferenza għal sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Albert Gauci** li ġiet mogħtija fit-2 ta' Diċembru 1998. Jisħaq li tenut kont taċ-ċirkostanzi, l-appellat ma setax ma kienx jaf li l-pussess ta' tali oġġetti jmur kontra dak stipulat f'Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tinnota li dan it-tieni aggravju huwa dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati. Huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din id-diskrezzjoni tkun saret legalment u raġonevolment. Minkejja dan, din il-Qorti xorta għarblet dak li xehdu x-xhieda u d-dokumenti li jirriżultaw fl-atti proċesswali.

Illi mix-xiehda tal-iSpetturi jirriżulta li dawn marru fuq il-post u kellmu lill-appellat dwar ix-xorb li kienu sabu. Dan sar fit-22 ta' Awwissu 2006. Anke kieku kellu jkun aċċettat id-dokument li juri li l-liċenzja tal-post kien għadda f'isem Josephine Agius fl-4 ta' Ottubru 2005 (għaxar xhur u tmintax-il jum qabel l-ispezzjoni), xorta jirriżulta li l-appellat kien prezenti fuq il-post, ma ndikax xi persuna li kienet qed tiġġestixxi l-post u meta rrisponda tkellem f'ismu u qal li ma kellux irċevuti u li ma kienx jaf kemm jiswew il-prodotti. Il-fatt li tkun għaddiet il-liċenzja fuq ħadd ieħor ma jbiddel xejn minn dak li jkun ġara fuq il-post fil-jum tal-ispezzjoni.

Illi Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Kull min b'kontravenzjoni ta' din l-Ordinanza –
>
> [...]
>
> (f) xjentement jilqa' għandu, iżomm, jew jaħbi, jew xjentement iħalli jew jittollera, jew iġiegħel jew ifittex li jiġu milqugħa, miżmuma jew moħbija oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew

limitata, jew li ma ħallsux dazju, jew oġġetti li jkunu ġew imwarrba kontra l-liġi mingħajr ħlas ta' dazju, minn maħżen ta' depożitu tal-gvern jew privat jew lok ieħor ta' kustodja fejn ikun ġew depożitati; jew

(g) xjentement jiġi fil-pussess ta' dawn l-oġġetti;

[...]

jeħel, meta jinstab ħati [...]."

Illi minn dak ikkwotat hawn fuq jirriżulta li l-liġi ma tirrikjedix li wieħed ikollu xi liċenzja biex jiġġestixxi xi negozju. Il-frażi *"Kull min"* tgħodd għal kulħadd. Barra minn hekk huwa biżżejjed li wieħed iżomm jew jilqa' għandu l-oġġetti li fuqhom iridu jitħallsu diversi taxxi u l-pussess ma għandux jittieħed fis-sens ċivili tal-kelma *animus rem sibi habendi* imma l-kelma għandha tiftiehem li l-oġġett qiegħed taħt il-kontroll tal-persuna.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, inkluż il-fatt li l-appellat ma kellu ebda rċevuti, iwassal lil din il-Qorti tasal għal konklużjoni li l-appellat kien jaf x'kellu taħt idejh u kien jaf ukoll li fuq ix-xorb ma kienux tħallsu t-taxxi dovuti. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' wkoll it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> tal-appellat huwa li l-Qorti naqset li tordna l-konfiska tax-xorb alkoħoliku misjub u dan skont Artikolu 60 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta li din l-ordni trid issir ukoll anke jekk l-imputat ma jinstabx ħati.

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant Avukat Ġenerali għandu raġun dwar dan l-aggravju minħabba li dak li jargumenta jemerġi espressament minn Artikolu 60 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' wkoll it-tielet aggravju tal-Avukat Ġenerali. Għal kull buon fini jiġi nnutat li permezz ta' Nota (*a fol.* 100) ippreżentata fil-15 ta' Diċembru 2021, id-Direttur

Ġenerali (Dwana) informa lil din il-Qorti diversament preseduta li kien bi ħsiebu jiddisponi mill-flixken in kwistjoni skont il-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u b'hekk tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat minn kull ħtija u piena u minflok,

wara li rat Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 62(f) u 62(g) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikolu 16(1)(j) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta,

issib lill-appellat Eugenio Agius ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih

u

wara li rat li l-ammont ta' Sisa mitlub huwa dak ta' Lm452.00 u li l-ammont ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud mitlub huwa dak ta' Lm223.74 u li l-piena trid tkun tliet darbiet daqs dan il-valur ċioè Lm1356 u Lm671.22 rispettivament, wara li kkonvertiet dawn il-figuri f'Euro (ċioè €3158.63 u €1563.52 rispettivament) qed tikkundanna lill-appellat Eugenio Agius iħallas multa komplessiva ta' erbat elef, seba' mija u tnejn u għoxrin Euro u ħmistax il-ċenteżmu (€4722.15) li terz minnha ċioè elf, ħames mija u erbgħa u sebgħin Euro u ħames ċenteżmi (€1,574.05) hija dovuta bħala dejn ċivili lill-Kummissarji tal-Dwana u tal-VAT.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska tal-oġġetti misjuba fuq il-post indikat u li fuqhom ma kienux tħallsu t-taxxi relattivi.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |